MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1753/2004

**Citadel Insurance p.l.c., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Stephen Borg Cardona, sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Stephen Borg Cardona**

**Vs**

**Simon Micallef u b'digriet tat-Tribunal tat-22 ta' Novembru, 2004 gie msejjah fil-kawza Carmelo Muscat**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf mitejn u zewg liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1,202.21c) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tal-5 ta' Dicembru, 2002 fi Triq il-Kbira, B'Kara bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBB 048 proprjeta' ta' l-attur

Stephen Borg Cardona, li fil-hin ta' l-incident ma kienx fil-vettura msemmija li kienet wieqfa, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAV 351 misjuqa mill-konvenut.

Ra n-Nota ta' Cessjoni pprezentata fit-23 ta' Gunju, 2005 li biha s-socjeta' attrici cediet l-atti kollha tal-kawza fil-konfront ta' Simon Micallef biss, filwaqt li zammet ferm it-talbiet fil-konfront tal-kjamat in kawza Carmelo Muscat.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-kjamat in kawza gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-kjamat in kawza naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-kjamat in kawza Carmelo Muscat ihallas is-somma ta' elf mitejn u zewg liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1,202.21c) , bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-kjamat in kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------